



IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI
POLITIKA REĠJONALI U URBANA
Baġit, Komunikazzjoni u Affarijiet Ġenerali
Komunikazzjoni

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI

2021CE16BAT001

**Appoġġ għall-miżuri ta' informazzjoni b'rabta mal-Politika ta'
Koeżjoni tal-UE**

Kontenut

1. INTRODUZZJONI- KUNTEST	3
2. OBJETTIV(I) – TEMA/I – PRIJORITAJIET	4
3. SKEDA TA' ŻMIEN.....	6
4. BAĠIT DISPONIBBLI	6
5. REKWIŻITI TA' AMMISSIBILTÀ.....	6
6. KRITERJI TA' ELIĠIBILTÀ.....	6
6.1. Applikanti eliġibbli.....	6
6.2. Attivitajiet eliġibbli	8
6.3. Perjodu ta' implimentazzjoni	8
7. KRITERJI TAL-ESKLUŻJONI	8
7.1. Esklużjoni	8
7.2. Miżuri ta' rimedju	10
7.3. Proposti li ma jintlaqgħux għas-sejħa għall-proposti.....	10
7.4. Dokumenti ta' sostenn.....	11
8. KRITERJI TAL-GĦAŻLA.....	11
8.1. Kapaċità finanzjarja.....	11
8.2. Kapaċità operattiva.....	12
9. KRITERJI TAL-GĦOTI.....	12
10. IMPENJI LEGALI.....	14
11. DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI	14
11.1. Forom tal-għotja	14
11.2. Spejjeż eliġibbli	14
11.3. Spejjeż mhux eliġibbli.....	17
11.4. Baġit ibbilanċjat.....	18
11.5. Kalkolu tal-ammont finali tal-għotja	18
11.6. Arranġamenti ta' rrapportar u ta' pagament.....	20
11.7. Kundizzjonijiet finanzjarji oħra.....	21
12. IL-PUBBLIĊITÀ	22
12.1. Mill-benefiċjarji.....	22
12.2. Mill-Kummissjoni	23
13. L-IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI	24
14. PROĊEDURA GĦALL-PREŻENTAZZJONI TAL-PROPOSTI	24

1. INTRODUZZJONI- KUNTEST

Din hija sejħa għall-proposti għall-finanzjament ta' miżuri ta' informazzjoni fis-sens tal-Artikolu 35 (2) (f) tar-Regolament (UE) Nru 2021/1060 mill-appropriazzjonijiet tal-baġit tal-2021 kif imħabbra mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2359 tas-7.4.2021¹.

L-aġenda politika tal-Unjoni Ewropea għas-snin li ġejjin tinkludi deċiżjonijiet ta' importanza ewlenija għall-futur tal-UE. Qafas finanzjarju pluriennali ġdid li jkopri l-perjodu wara l-2020 ġie adottat f'Diċembru 2020 u ġew stabbiliti programmi u mekkaniżmi ta' finanzjament ġodda biex jimplimentawhom.

F'dan il-kuntest, huwa importanti li d-deċiżjonijiet futuri dwar il-prijoritajiet għall-UE jkunu b'mod adegwat il-kontribut tal-Politika ta' Koeżjoni² għat-tweġiq tal-prijoritajiet tal-UE u l-potenzjal tagħha li tgħin biex l-UE terġa' tingħaqad maċ-ċittadini tagħha.

Il-Politika ta' Koeżjoni tipprovdi investimenti fir-reġjuni kollha fl-UE sabiex tappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività tan-negozji, it- tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp sostenibbli, u ttejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini fil-276 reġjun tal-UE. Dawn l-investimenti – li jirrappreżentaw terz tal-baġit totali tal-UE - jgħinu biex jintlaħqu l-prijoritajiet politiċi tal-UE. Huma jirrappreżentaw l-aktar prova tanġibbli u konkreta tal-impatt tal-UE fil-ħajja ta' kuljum ta' miljuni ta' ċittadini.

Madankollu, iċ-ċittadini għadhom mhumiex konxji biżżejjed tar-riżultati tal-Politika ta' Koeżjoni u tal-impatti tagħhom fuq ħajjithom. Sabiex ikun jista' jsir dibattitu infurmat dwar il-prijoritajiet futuri għall-UE u tiġi żgurata aktar trasparenza dwar kif qed jintużaw il-fondi tal-UE u b'liema riżultati, iċ-ċittadini jenħtieġ li jkollhom għarfien u sensibilizzazzjoni aħjar tal-investment fil-pajjiżi, fir-reġjuni u fl-ibliet tagħhom.

Il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE enfasizzaw kemm-il darba l-ħtieġa li tiżdied il-viżibbiltà tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, kif muri mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali³ dwar "*It-tqarrib tal-Politika ta' Koeżjoni lejn iċ-ċittadini*", mir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew⁴ dwar "*Iż-żieda fl-involvement tas-sħab u l-viżibbiltà fil-prestazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej*" u mill-proposti mill-azzjonijiet ta' komunikazzjoni Kongunta⁵ dwar il-Politika ta' Koeżjoni mressqa mill-Kummissjoni Ewropea.

¹ https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/tender/pdf/official/2021_financing_decision_ta_cpr.pdf

² http://ec.europa.eu/regional_policy/en/policy/what/investment-policy/

³ <http://www.consilium.europa.eu/en/meetings/gac/2017/04/25/>

⁴ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+REPORT+A8-2017-0201+0+DOC+XML+V0//EN&language=en>

⁵ http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/informing/events/3005-pamhagen/20170523_joint_communication_actions.pdf

Fi ħdan il-qafas legali attwali li jirregola l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE⁶, din is-sejħa għall-proposti għandha l-għan li tipprovdi appoġġ għall-produzzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni u kontenut marbuta mal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, filwaqt li tirispetta l-indipendenza editorjali sħiħa tal-atturi involuti.

2. OBJETTIV(I) – TEMA/I – PRIJORITAJIET

B'din is-sejħa għall-proposti, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li tagħżel il-benefiċjarji potenzjali għall-implimentazzjoni ta' għadd ta' miżuri⁷ ta' informazzjoni kofinanzjati mill-UE. L-għan ewlieni huwa li jingħata appoġġ għall-produzzjoni u għat-tixrid ta' informazzjoni u kontenut marbuta mal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE⁸, inkluż fost l-oħrajn il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta⁹ u l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa¹⁰, filwaqt li tiġi rrispettata l-indipendenza editorjali sħiħa tal-atturi involuti.

Il-kontenut eżatt tal-miżuri ta' informazzjoni proposti se jiddependi fuq l-għażla editorjali tal-applikanti. L-indipendenza editorjali se tkun garantita permezz ta' karta ta' indipendenza li se tkun parti mill-ftehim iffirmit bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-benefiċjarji tal-għotjiet.

L-obiettivi speċifiċi għal din is-sejħa għall-proposti huma li:

- Jiġi promoss u jitrawwem fehim aħjar tar-rwol tal-Politika ta' Koeżjoni fl-appoġġ tar-reġjuni kollha tal-UE;
- Tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar proġetti ffinanzjati mill-UE - b'mod partikolari permezz tal-Politika ta' Koeżjoni - u l-impatt tagħhom fuq il-ħajja taċ-ċittadini;
- Tinxtered l-informazzjoni u jiġi mhegġegġ djalogu miftuħ dwar il-Politika ta' Koeżjoni, ir-riżultati tagħha, ir-rwol tagħha fit-twettiq tal-prijoritajiet politiċi u dwar il-futur tagħha;
- Tiġi mhegġga l-parteċipazzjoni ċivika fi kwistjonijiet marbutin mal-Politika ta' Koeżjoni u titrawwem il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet għall-futur ta' din il-politika.

Il-proposti għandhom juru u jivvalutaw ir-rwol tal-Politika ta' Koeżjoni fit-twettiq tal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni Ewropea u fl-indirizzar tal-isfidi kurrenti u futuri

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi.

⁷ Għall-finijiet ta' din is-sejħa għall-proposti, "miżura ta' informazzjoni" hija sett ta' attivitajiet ta' informazzjoni li huma indipendenti u koerenti marbutin mal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE.

⁸ Permezz ta' din is-sejħa għall-proposti, il-Kummissjoni Ewropea qed tappoġġa miżuri ta' informazzjoni relatati mal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, li titwettaq permezz ta' tliet fondi prinċipali: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+). F'dan is-sens, proġett li jindirizza l-impatt ta' kwalunkwe wieħed minn dawn it-tliet Fondi f'reġjun huwa eliġibbli.

⁹ https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal/actions-being-taken-eu/just-transition-mechanism/just-transition-funding-sources_en

¹⁰ https://ec.europa.eu/info/strategy/recovery-plan-europe_en

għall-UE, l-Istati Membri tagħha, ir-reġjuni tagħha u l-livell lokali. B'mod aktar speċifiku, dawn jenħtieġ li jkunu marbuta mal-kontribut tal-Politika ta' Koeżjoni biex:

- jżiedu l-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment fil-livell reġjonali u nazzjonali, u titjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini;
- jgħinu biex jitwettqu l-prijoritajiet ewlenin tal-UE u tal-Istati Membri, li minbarra l-ħolqien tal-impjiegi u tat-tkabbir, jinkludu fost l-oħrajn l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-ambjent, it-tiżni tar-riċerka u l-innovazzjoni;
- isaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE, filwaqt li jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-pajjiżi u r-reġjuni tal-UE u bejniethom;
- jgħinu lir-reġjuni jisfruttaw il-globalizzazzjoni billi jsibu l-qasam partikolari tagħhom fl-ekonomija dinjija;
- jirrinforzaw il-proġett Ewropew, minħabba li l-Politika ta' Koeżjoni taqdi direttament liċ-ċittadini.

Ir-riżultati u l-outputs mistennija huma dawn li ġejjin:

- Li tiżdied il-kopertura tal-midja dwar il-Politika ta' Koeżjoni, b'mod partikolari fil-livell reġjonali;
- Li jżied l-għarfien tan-nies dwar ir-riżultati tal-Politika ta' Koeżjoni u tal-impatti tagħhom fuq ħajjithom;
- Li jinkisbu outputs u riżultati konkreti mmirati lejn sensibilizzazzjoni wiesgħa matul id-durata tal-miżura – eż. xandir fuq it-TV u r-radju, kopertura online jew stampata, tip ieħor ta' miżuri ta' informazzjoni u tixrid - filwaqt li jitqies il-multilingwiżmu;
- Li tiġi stabbilita kollaborazzjoni effiċjenti u effettiva bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-benefiċjarji tal-għotjiet.

L-udjenza fil-mira tal-miżuri ta' informazzjoni li għandhom jiġu implimentati permezz ta' din is-sejħa hija l-pubbliku ġenerali u/jew il-partijiet interessati relatati. B'mod aktar speċifiku:

- Għall-pubbliku ġenerali: l-oġettiv huwa li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar ir-riżultati tal-Politika ta' Koeżjoni u l-impatt tagħhom fuq il-ħajja taċ-ċittadini għall-Ewropej li mhumiex konxji mill-UE u mill-azzjoni tal-UE fir-reġjun tagħhom. L-informazzjoni għandha tiffoka fuq l-iżvilupp ta' fehim akbar tal-kontribut tal-Politika ta' Koeżjoni biex tingħata spinta lill-impjiegi u t-tkabbir fl-Ewropa u jitnaqqsu d-disparitajiet bejn l-Istati Membri u r-reġjuni.
- Għall-partijiet interessati: l-oġettiv huwa li jkun hemm involviment mal-partijiet ikkonċernati (inklużi l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, il-benefiċjarji, in-negożji, l-akkademiċi) biex jiġi kkomunikat aktar l-impatt tal-Politika ta' Koeżjoni fuq ir-reġjuni tagħhom u biex jikkontribwixxi għad-diskussjoni dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni u, b'mod aktar ġenerali, dwar il-futur tal-Ewropa.

3. SKEDA TA' ŻMIEN

	Passi	Data u ħin jew perjodu indikattiv
(a)	Pubblikazzjoni tas-sejħa	12/10/2021
(b)	Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet	11/01/2022 fis-13:00 Ħin tal-Ewropa Ċentrali (CET)
(c)	Perjodu ta' evalwazzjoni	Frar sa April 2022
(d)	Informazzjoni lill-applikanti	Mejju 2022
(e)	Iffirmar tal-ftehimiet ta' għotja	Minn Ġunju sa Settembru 2022

4. BAĠIT DISPONIBBLI

Il-baġit totali allokati għall-kofinanzjament tal-proġetti taħt din is-sejħa għall-proposti huwa stmat li jlaħħaq EUR 7.000.000.

L-ammont massimu tal-għotja se jkun ta' EUR 300 000.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

5. REKWIŻITI TA' AMMISSIBILITÀ

Sabiex ikunu ammissibbli, l-applikazzjonijiet iridu:

- jintbagħtu mhux aktar tard mill-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija fit-Taqsima 3;
- jiġu sottomessi bil-miktub (ara t-taqsima 14), billi tintuża l-formola ta' applikazzjoni disponibbli fuq https://ec.europa.eu/regional_policy/en/newsroom/funding-opportunities/calls-for-proposal/; kif ukoll
- abbozzati f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE.

In-nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti jwassal biex l-applikazzjoni tiġi miċħuda.

6. KRITERJI TA' ELIĠIBILITÀ

6.1. Applikanti eliġibbli

Il-proposti jistgħu jiġu ppreżentati minn kwalunkwe wieħed mill-applikanti li ġejjin¹¹:

- organizzazzjonijiet tal-midja/aġenziji tal-aħbarijiet (it-televiżjoni, ir-radju, l-istampa, il-midja online, midja ġdida, taħlita ta' midja differenti);
- organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ;
- universitajiet u istituzzjonijiet edukattivi;
- ċentri ta' riċerka u gruppi ta' riflessjoni;

¹¹ Din il-lista mhijiex eżawrjenti.

- assoċjazzjonijiet ta' interess Ewropew;
- entitajiet privati;
- awtoritajiet pubbliċi¹² (nazzjonali, reġjonali u lokali), bl-eċċezzjoni tal-awtoritajiet inkarigati mill-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni f'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021.

Il-persuni fiżiċi kif ukoll l-entitajiet stabbiliti għall-iskop uniku tal-implimentazzjoni tal-proġetti f'din is-sejħa għall-proposti mhumiex eliġibbli.

L-applikanti li pparteċipaw fis-sejħiet immedija mill-Kummissjoni Ewropea fl-2017, 2018, 2019 u 2020 (is-Sejħa għall-proposti 2017CE16BAT063, 2018CE16BAT042, 2019CE16BAT117 u 2020CE16BAT099 rispettivament, għal “Appoġġ għall-miżuri ta' informazzjoni b'rabta mal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE”) huma eliġibbli minkejja l-eżitu tal-applikazzjonijiet preċedenti tagħhom.

Pajjiż ta' stabbiliment

Huma eliġibbli biss applikazzjonijiet minn entitajiet legali stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

- l-Istati Membri tal-UE;

Dokumenti ta' sostenn

Għall-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikanti, qed jintalbu d-dokumenti ta' sostenn li ġejjin:

- **entità privata:** silta mill-Ġurnal Uffiċjali, kopja tal-istatut ta' assoċjazzjoni, silta mir-reġistru kummerċjali jew ta' assoċjazzjoni, ċertifikat ta' responsabbiltà għall-ħlas tal-VAT (jekk, bħal f'xi pajjiżi, in-numru tar-reġistru kummerċjali u n-numru tal-VAT ikunu identiċi, ikun meħtieġ wieħed biss minn dawn id-dokumenti);
- **entità pubblika:** kopja tar-risoluzzjoni, tad-deċiżjoni jew ta' dokument uffiċjali ieħor li jistabbilixxi lill-entità regolata bil-liġi pubblika;
- **persuni fiżiċi:** fotokopja tal-karta tal-identità u/jew tal-passaport; iċ-ċertifikat tar-responsabbiltà għall-VAT, jekk applikabbli (eż. xi persuni li jaħdmu għal rashom)
- **entitajiet mingħajr personalità ġuridika:** dokumenti li jipprovdu evidenza li r-rappreżentant tagħhom ikollu l-kapaċità li jissodisfa l-obbligi ġuridiċi f'isimhom.

Qed tinġibed l-attenzjoni li, matul il-proċedura, l-applikanti jistgħu jintalbu jirreġistraw u jipprovdu Kodiċi ta' Identifikazzjoni tal-Parteċipant (PIC, numru b'9 ċifri), li jservi bħala l-identifikatur uniku tal-organizzazzjoni tagħhom fir-Reġistru tal-Parteċipanti. L-applikanti jirċievu struzzjonijiet dwar kif joħolqu PIC fi żmien xieraq.

Mal-komunikazzjoni tal-PIC tal-applikant, is-Servizzi ta' Validazzjoni tal-UE (Servizzi ta' Validazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka) jikkuntattjaw lill-applikant (permezz tas-sistema ta' messaġġi inkorporata fir-Reġistru tal-Parteċipanti) u jitolbu lil dan tal-aħħar jipprovdi d-dokumenti ta' sostenn meħtieġa biex jagħtu prova tal-eżistenza

¹² Korpi rregolati bil-liġi pubblika jew korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku.

u l-istatus legali tal-organizzazzjoni. Id-dettalji u l-istruzzjonijiet kollha neċessarji jiġu pprovduti permezz ta' din in-notifika separata.

6.2. Attivitajiet eliġibbli

L-attivitajiet eliġibbli għandhom ikunu dawk meħtieġa biex titwettaq il-miżura ta' informazzjoni u joħorġu l-outputs/ir-riżultati maħsuba skont l-oġettivi, it-temi u l-udjenja fil-mira kif elenkati taħt it-Taqsima 2 ta' din is-sejħa għall-proposti.

A. Il-miżuri għandhom jiġu implimentati fl-UE fil-livell lokali, reġjonali, multireġjonali, nazzjonali, jew fil-livell ta' diversi Stati Membri.

B. Il-proposti għandhom jinkludu attività u għodda waħda jew diversi li jkollhom karattru innovattiv bil-għan li jintlaħqu l-oġettivi, jiġu koperti t-temi u tintlaħaq l-udjenja fil-mira.

C. Il-miżuri **meħtieġa** bil-liġi jew skont il-kuntratti speċifiċi ta' servizz pubbliku (fil-każ ta' entitajiet pubbliċi) mhumiex eliġibbli.

6.3. Perjodu ta' implimentazzjoni

L-applikanti huma mistiedna jissottomettu proposti għal proġetti b'durata massima ta' 12-il xahar.

7. KRITERJI TAL-ESKLUŻJONI

7.1. Esklużjoni

L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandu jeskludi lil applikant milli jipparteċipa fi proċeduri ta' sejħa għall-proposti meta:

- (a) l-applikant ikun fallut, soġġett għal proċeduri ta' insolvenza jew ta' likwidazzjoni, l-assi tiegħu jkunu qed jiġu amministrati minn likwidatur jew minn qorti, ikun jinsab f'arranġament mal-kredituri, l-attivitajiet kummerċjali tiegħu jkunu ġew sospiżi, jew ikun jinsab f'xi sitwazzjoni analoga li tirriżulta minn proċedura simili prevista skont il-liġijiet jew ir-regolamenti nazzjonali jew tal-UE;
- (b) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali jew b'deċiżjoni amministrattiva finali li l-applikant ikun qed jikser l-obbligi tiegħu marbuta mal-ħlas tat-taxxi jew tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali f'konformità mal-liġi applikabbli;
- (c) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali jew b'deċiżjoni amministrattiva finali li l-applikant ikun ħati ta' mġiba professjonali gravi billi jkun kiser il-liġijiet jew ir-regolamenti jew l-istandards etiċi applikabbli tal-professjoni tal-applikant, jew billi jkun indika intenzjoni ħażina jew negliġenza gravi, inkluż, b'mod partikulari, kwalunkwe wieħed mill-eżempji li ġejjin:
 - (i) ir-rappreżentazzjoni skorretta b'mod frawdolenti jew negliġenti tal-informazzjoni meħtieġa għall-verifika tan-nuqqas ta' raġunijiet għall-esklużjoni jew l-issodisfar tal-kriterji ta' eliġibbiltà jew tal-għażla jew fit-tweqqif ta' kuntratt, ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja;
 - (ii) jidħol fi ftehim ma' applikanti oħra bl-għan li ssir distorsjoni tal-kompetizzjoni;
 - (iii) il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

- (iv) jipprova jinfluwenza l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni matul il-proċedura ta' għoti;
 - (v) it-tentattiv li tinkiseb informazzjoni kunfidenzjali li tista' tagħtih vantaġġi mhux xierqa fil-proċedura ta' għoti;
- (d) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali li l-applikant ikun ħati ta' kwalunkwe wieħed mill-eżempji li ġejjin:
- (i) frodi, skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, imfassla permezz tal-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995;
 - (ii) korruzzjoni, kif definita fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1371 jew l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 1997, jew l-imġiba msemmija fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI, kif ukoll korruzzjoni kif definita fil-liġi applikabbli;
 - (iii) mġiba marbuta ma' organizzazzjoni kriminali, kif imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI;
 - (iv) ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu fis-sens tal-Artikolu 1(3), (4) u (5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
 - (v) reati terroristiċi jew reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi, kif definiti fl-Artikoli 1 u 3 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI, rispettivament, jew inċitament, għajnuna, tixwix jew tentattivi għat-twertiq ta' tali reati, kif imsemmija fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni;
 - (vi) tħaddim tat-tfal jew reati oħra li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- (e) l-applikant ikun wera nuqqasijiet sinifikanti fil-konformità mal-obbligi ewlenin tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt, ftehim tal-għotja jew deċiżjoni tal-għotja ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, li jkun wasslu għal terminazzjoni bikrija jew għall-applikazzjoni ta' danni likwidati jew penali kuntrattwali oħra, jew li jkun ġie skopert wara li jkun saru verifiki, awditjar jew investigazzjonijiet minn uffiċjal tal-awtorizzazzjoni, mill-OLAF jew mill-Qorti tal-Awdituri;
- (f) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali jew b'deċiżjoni amministrattiva finali li l-applikant ikun wettaq irregolarità fis-sens tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95;
- (g) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali jew b'deċiżjoni amministrattiva finali li l-applikant ikun ħoloq entità f'għuridizzjoni differenti bil-ħsieb li jiġu evitati obbligi fiskali, soċjali jew kwalunkwe obbligu legali ieħor ta' applikazzjoni obligatorja fil-għuridizzjoni tal-uffiċċju rreġistrat, tal-amministrazzjoni ċentrali jew tal-post prinċipali tan-negozju;
- (h) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali jew b'deċiżjoni amministrattiva finali li entità tkun inħolqot bil-ħsieb imsemmi fil-punt (g);
- (i) għas-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti minn (c) sa (h) hawn fuq, l-applikant ikun soġġett għal:

- (i) fatti stabbiliti fil-kuntest ta' awditjar jew investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew wara l-istabbiliment tiegħu, mill-Qorti tal-Awdituri, mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi jew mill-awditur intern, jew kwalunkwe verifika, awditjar jew kontroll ulterjuri li jsiru taħt ir-responsabbiltà ta' uffiċjal tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni tal-UE, ta' uffiċċju Ewropew jew ta' aġenzija jew korp tal-UE;
- (ii) sentenzi mhux finali jew deċiżjonijiet amministrattivi mhux finali li jistgħu jinkludu miżuri dixxiplinari meħuda mill-korp superviżorju kompetenti responsabbli għall-verifika tal-applikazzjoni tal-istandards tal-etika professjonali;
- (iii) fatti msemmija fid-deċiżjonijiet ta' persuni jew entitajiet li jkunu fdati b'kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja tal-UE;
- (iv) informazzjoni trażmessa mill-Istati Membri li jimplementaw il-fondi mill-Unjoni;
- (v) deċiżjonijiet tal-Kummissjoni marbuta mal-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew ta' awtorità kompetenti nazzjonali marbuta mal-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni; jew
- (vi) deċiżjonijiet ta' esklużjoni minn uffiċjal tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni tal-UE, ta' uffiċċju Ewropew jew ta' aġenzija jew korp tal-UE.

7.2. Miżuri ta' rimedju

Jekk applikant jiddikjara waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni elenkati hawn fuq (ara t-taqsima 7.1), dan għandu jindika l-miżuri li jkun ħa biex jirrimedja s-sitwazzjoni ta' esklużjoni, u b'hekk juri l-affidabbiltà tiegħu. Dan jista' jinkludi, pereżempju, miżuri tekniċi, ta' organizzazzjoni jew tal-persunal li jikkoreġu l-imġiba u jipprevjenu aktar okkorrenzi, kumpens għal dannu jew ħlas ta' multi jew ta' kwalunkwe taxxa jew kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali. L-evidenza dokumentarja rilevanti li turi l-miżuri ta' rimedju meħuda għandha tiġi pprovduta fl-anness tad-dikjarazzjoni. Dan ma japplikax għas-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punt (d) tat-Taqsima 7.1.

7.3. Proposti li ma jintlaqgħux għas-sejħa għall-proposti

L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni ma għandux jagħti għotja lil applikant li:

- (a) ikun f' sitwazzjoni ta' esklużjoni stabbilita f'konformità mat-Taqsima 7.1; jew
- (b) ikun irrappreżenta b'mod ħażin l-informazzjoni meħtieġa bħala kondizzjoni għall-parteċipazzjoni fil-proċedura jew naqas milli jipprovdi din l-informazzjoni; jew
- (c) fl-imġhoddi kien involut fit-tnejn tad-dokumenti użati fil-proċedura tal-għoti meta dan ikun jinvolvi ksur tal-prinċipju ta' trattament indaqs, inkluż distorsjoni tal-kompetizzjoni li ma tistax tiġi rimedjata b'xi mod ieħor.

L-istess kriterji ta' esklużjoni japplikaw għall-entitajiet affiljati.

Jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet amministrattivi (esklużjoni) fuq l-applikanti, jew l-entitajiet affiljati fejn applikabbli, jekk xi waħda mid-dikjarazzjonijiet jew l-informazzjoni pprovduta bħala kundizzjoni għall-parteċipazzjoni f'din il-proċedura tkun falza.

7.4. Dokumenti ta' sostenn

L-applikanti u l-entitajiet affiljati jridu jiffirmaw dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom li tiċċertifika li ma jkunux f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 136(1) u fl-Artikolu 141 tar-Regolament Finanzjarju¹³, billi jimlew il-formola rilevanti mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni li takkumpanja s-sejħa għall-proposti u li hija disponibbli fuq https://ec.europa.eu/regional_policy/en/newsroom/funding-opportunities/calls-for-proposal/.

Dan l-obbligu jista' jiġi ssodisfat b'wieħed mill-modi li ġejjin:

Għall-għotjiet lil benefiċjarju wieħed:

- (i) l-applikant jiffirma dikjarazzjoni f'ismu u f'isem l-entitajiet affiljati tiegħu; JEW
- (ii) l-applikant u l-entitajiet affiljati tiegħu kollha jiffirmaw dikjarazzjoni separata f'isimhom.

Għall-għotjiet lil diversi benefiċjarji:

- (i) il-koordinatur ta' konsorzju jiffirma dikjarazzjoni f'isem l-applikanti kollha u l-entitajiet affiljati tagħhom; JEW
- (ii) kull applikant fil-konsorzju jiffirma dikjarazzjoni f'ismu u f'isem l-entitajiet affiljati tiegħu; JEW
- (iii) kull applikant fil-konsorzju u l-entitajiet affiljati kollha jiffirmaw dikjarazzjoni separata f'isimhom.

8. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

8.1. Kapaċità finanzjarja

L-applikanti jrid ikollhom sorsi stabbli u suffiċjenti ta' finanzjament biex iżommu l-attività tagħhom tul id-durata tal-għotja u biex jipparteċipaw fil-finanzjament tagħha. Il-kapaċità finanzjarja tal-applikanti se tiġi vvalutata abbażi tad-dokumenti ta' sostenn li ġejjin li jridu jiġu ppreżentati flimkien mal-applikazzjoni:

a) Għotjiet ta' valur baxx (\leq EUR 60 000):

- dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom.

b) Finanzjamenti $>$ EUR 60 000:

- dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom, u

JEW

- ir-rapport tal-introjtu kif ukoll il-karta tal-bilanċ għall-aħħar sentejn finanzjarji li għalihom ikunu nġalqu l-kontijiet;
- għal entitajiet ġodda li għadhom kemm inħolqu: il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju jaf jieħu post id-dokumenti msemmija hawn fuq;

JEW

¹³ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p.1)

- it-tabella prevista fil-formola ta' applikazzjoni, kompluta biċ-ċifri statutorji tal-kontabbiltà rilevanti, sabiex jiġu kkalkolati l-proporzjonijiet kif deskritt fil-formola.

Abbażi tad-dokumenti ppreżentati, jekk il-Kummissjoni tqis li l-kapaċità finanzjarja tkun dgħajfa, hija tista':

- titlob aktar informazzjoni;
- tiddeċiedi li ma tagħtix prefinanzjament;
- tiddeċiedi li tagħti prefinanzjament f'pagamenti parzjali;
- tiddeċiedi li tagħti prefinanzjament kopert minn garanzija bankarja (ara t-Taqsima 11.6.2 hawn taħt);
- fejn applikabbli, titlob l-obbligazzjoni finanzjarja in solidum tal-kobenefiċjarji kollha.

Jekk l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni Responsabbli jqis li l-kapaċità finanzjarja ma tkunx biżżejjed, huwa jiċħad l-applikazzjoni.

8.2. Kapaċità operattiva

L-applikanti jrid ikollhom il-kompetenzi professjonali kif ukoll il-kwalifiki xierqa meħtieġa biex ilestu l-azzjoni proposta. F'dan ir-rigward, l-applikanti jridu jippreżentaw dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom, u d-dokumenti ta' sostenn li ġejjin:

- lista ta' proġetti/attivitajiet preċedenti mwettqa u relatati mas-sejħa jew lista ta' attivitajiet li twettqu fl-aħħar sentejn (massimu ta' 4 proġetti/attivitajiet).

Jistgħu jintalbu dokumenti ta' sostenn addizzjonali biex tiġi kkonfermata l-kapaċità operazzjonali.

9. KRITERJI TAL-GĦOTI

L-applikazzjonijiet/proġetti eliġibbli jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

	Kriterji	Elementi li jridu jiġu kkunsidrati	Ponderazzjoni (punti)
1.	Ir-rilevanza tal-miżura u l-kontribut għall-oġġettivi tas-sejħa għall-proposti	<ul style="list-style-type: none"> • Ir-rilevanza tal-oġġettivi tal-proposta fir-rigward tal-oġġettivi u l-prijoritajiet tas-sejħa għall-proposti • Ir-rilevanza tat-tipi ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni proposti (eż. <i>avvenimenti, spots televiżivi, kopertura bir-radju, artikli tal-istampa, eċċ</i>) fir-rigward tar-reġjun(i) • Il-valur miżjud imqabbel mal-inizjattivi diġà eżistenti fost ir-reġjuni fl-Ewropa • Karattru innovattiv tal-proġett 	40 punt; (livell limitu minimu ta' 50 %)

2.	Sensibilizzazzjoni u effettività tal-miżura	<ul style="list-style-type: none"> • Objettivi speċifiċi rilevanti, li jistgħu jitkejlu u jintlaħqu, rigward is-sensibilizzazzjoni u t-tixrid • Il-kwalità tal-pjan għat-tixrid tar-riżultati (pjan ta' tixrid) • L-abbiltà tal-pjan ta' sensibilizzazzjoni (inkluż pereżempju skeda tax-xandir, kanal(i) tad-distribuzzjoni u għadd ta' kuntatti garantiti abbażi tar-rekords preċedenti) biex jintlaħaq kemm jista' jkun pubbliku destinatariju possibbli fil-livell lokali, reġjonali, multireġjonali u nazzjonali (effett multiplikatur), pereżempju permezz ta' kooperazzjoni tal-applikanti man-netwerks u/jew mal-atturi/midja reġjonali • L-effikaċja tal-metodoloġiji proposti biex jintlaħqu l-objettivi ta' din is-sejħa, inkluż metodi biex: jiġi prodott il-kontenut, jiġi mmonitorjat il-progress, jinbnew soluzzjonijiet tekniċi u jiġu evalwati r-riżultati tal-proġett • Il-possibbiltajiet għat-tkomplija tal-proġett lil hinn mill-perjodu mitlub għall-appoġġ tal-UE 	30 punt; (livell limitu minimu ta' 50 %)
3.	L-effiċjenza tal-miżura	<ul style="list-style-type: none"> • Il-kosteffettività f'termini tar-riżorsi proposti, billi jiġu kkunsidrati l-kostijiet kif ukoll ir-riżultati mistennija 	20 punt; (livell limitu minimu ta' 50 %)
4.	L-organizzazzjoni tat-tim tal-proġett u l-kwalità tal-ġestjoni tal-proġett	<ul style="list-style-type: none"> • Il-kwalità tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni proposti, is-sistemi ta' kontroll tal-kwalità u l-arranġamenti biex jiġu ġestiti r-riskji • Il-kwalità tal-allokazzjoni tal-kompiti bil-għan li jiġu implimentati l-attivitajiet tal-miżura proposta 	10 punti; (livell limitu minimu ta' 50 %)

Se jingħata massimu ta' 100 punt għall-kwalità tal-proposta ġenerali. Il-punteġġ globali minimu meħtieġ huwa 60 punt minn 100, filwaqt li punteġġ minimu ta' 50 % huwa meħtieġ għal kull kriterju. Il-proposti li jissodisfaw il-livelli limiti ta' kwalità msemmija

hawn fuq biss se jitpoġġew fuq il-lista ta' klassifika. Li jintlaħaq il-livell limitu ma jimplikax awtomatikament li tingħata l-ġhotja.

10. IMPENJI LEGALI

Fil-każ ta' ġhotja mogħtija mill-Kummissjoni, jintbagħat ftehim ta' ġhotja lill-applikant, imfassal fil-munita euro u li jiddeskrivi l-kondizzjonijiet u l-livell ta' finanzjament, flimkien mal-informazzjoni dwar il-proċedura għall-formalizzazzjoni tal-ftehim tal-partijiet.

L-ewwel, il-benefiċjarju jew il-koordinatur irid jiffirma żewġ kopji tal-ftehim oriġinali f'isem il-konsorzju qabel ma jibgħathom lura minnufih lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tkun l-aħħar li tiffirmahom.

L-applikanti jifhemu li s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal ġhotja timplika l-aċċettazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali mehmuża ma' din is-sejħa għall-proposti. Dawn il-kundizzjonijiet ġenerali jorbtu lill-benefiċjarju li lilu tingħata l-ġhotja u għandhom jikkostitwixxu anness għad-deċiżjoni tal-ġhotja.

11. DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

11.1. Forom tal-ġhotja

11.1.1 Rimborż tal-kostijiet effettivament imġarrba

L-ġhotja tiġi ddefinita bl-applikazzjoni ta' rata massima ta' kofinanzjament ta' 80 % għall-kostijiet eliġibbli mġarrba realment u ddikjarati mill-benefiċjarju u mill-entitajiet affiljati tiegħu.

Għad-dettalji dwar l-eliġibbiltà tal-kostijiet, irreferi għat-Taqsima 11.2.

11.1.2 Rimborż tal-kostijiet eliġibbli ddikjarati abbażi ta' rata fissa

L-ġhotja tiġi ddefinita bl-applikazzjoni ta' rata massima ta' kofinanzjament ta' 80 % għall-kostijiet eliġibbli ddikjarati mill-benefiċjarju u mill-entitajiet affiljati tiegħu abbażi ta':

- (a) rata fissa ta' 7 % tal-kostijiet diretti eliġibbli ("rimborż ta' kostijiet b'rata fissa") għall-kategoriji ta' kostijiet li ġejjin: spejjeż indiretti.

Ir-rata fissa tiffallas wara l-aċċettazzjoni tal-kostijiet li għalihom trid tiġi applikata r-rata fissa.

11.2. Spejjeż eliġibbli

Il-kostijiet eliġibbli għandhom jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

- ikunu mġarrba mill-benefiċjarju.
- jiġġarrbu matul id-durata tal-azzjoni, bl-eċċezzjoni tal-kostijiet marbuta mar-rapporti finali u maċ-ċertifikati tal-awditjar;
 - Il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-kostijiet jibda kif speċifikat fil-ftehim tal-ġhotja.

- Jekk benefiċjarju jkun jista' juri l-ħtieġa li jibda l-azzjoni qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim, il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-kostijiet jista' jibda qabel dak l-iffirmar. Il-perjodu ta' eliġibbiltà fl-ebda ċirkustanza ma jista' jibda qabel id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għotja.
- ikunu indikati fl-istima tal-baġit tal-azzjoni;
- ikunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-azzjoni li tkun is-suġġett tal-għotja;
- ikunu identifikabbli u verifikabbli, u b'mod partikolari jkunu rreġistrati fil-kotba tal-kontijiet tal-benefiċjarju u ddeterminati skont l-istandards tal-kontabilità applikabbli tal-pajjiż fejn il-benefiċjarju jkun stabbilit u skont il-prattika komuni tal-kontabilità tal-ispejjeż tal-benefiċjarju;
- huma konformi mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni fiskali u soċjali applikabbli;
- ikunu raġonevoli, ġustifikati, u jikkonformaw mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari rigward l-ekonomija u effiċjenza.

Il-proċeduri interni ta' kontabbiltà u ta' awditjar tal-benefiċjarju jridu jippermettu r-rikonċiljazzjoni diretta tal-kostijiet u tad-dħul iddikjarati fir-rigward tal-azzjoni/proġett mad-dikjarazzjonijiet kontabilistiċi u mad-dokumenti ta' sostenn korrispondenti.

L-istess kriterji japplikaw għall-kostijiet li jiġġarrbu mill-entitajiet affiljati.

Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jkunu diretti jew indiretti.

11.2.1. L-ispejjeż diretti eliġibbli

Il-kostijiet diretti eliġibbli għall-azzjoni huma dawk il-kostijiet li:

filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti hawn fuq, ikunu identifikabbli bħala kostijiet speċifiċi marbuta direttament mat-twertiq tal-azzjoni u li għaldaqstant jistgħu jiġu assenjati direttament lilha, bħal pereżempju:

- (a) il-kostijiet tal-persunal li jaħdem b'kuntratt ta' impjieg mal-benefiċjarju jew b'att ta' ħatra ekwivalenti u li jkun assenjat għall-azzjoni, sakemm dawn il-kostijiet ikunu konformi mal-politika normali tal-benefiċjarju dwar ir-remunerazzjoni.

Dawn il-kostijiet jinkludu s-salarji reali flimkien mal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u kostijiet statutorji oħra inklużi fir-remunerazzjoni. Jistgħu jinkludu wkoll remunerazzjonijiet addizzjonali, inklużi l-pagamenti abbażi ta' kuntratti supplimentari, tkun xi tkun in-natura ta' dawk il-kuntratti, bil-kundizzjoni li dawn jitħallsu b'mod konsistenti kull meta jkun meħtieġ l-istess tip ta' xogħol jew għarfien espert, ikun xi jkun is-sors ta' finanzjament li jintuża;

Il-kostijiet tal-persuni fiżiċi li jaħdmu b'kuntratt mal-benefiċjarju li mhuwiex kuntratt ta' impjieg jew li huma ssekondati bi ħlas minn parti terza lill-benefiċjarju jistgħu jiġu inklużi wkoll f'dawn il-kostijiet tal-persunal, dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (i) il-persuna taħdem b'kundizzjonijiet simili għal dawk ta' impjegat (b'mod partikolari fir-rigward tal-mod kif ikun organizzat ix-xogħol, il-kompiti li jitwettqu u l-post fejn jitwettqu);
- (ii) ir-riżultat tax-xogħol jappartjeni lill-benefiċjarju (sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor b'mod eċċezzjonali); kif ukoll

- (iii) il-kostijiet ma jkunux differenti b'mod sinifikanti mill-kostijiet tal-persunal li jwettaq kompiti simili b'kuntratt ta' impjieg mal-benefiċjarju;

Il-metodi rakkomandati biex jiġu kkalkolati l-kostijiet diretti tal-persunal huma pprovduti fl-Appendiċi.

- (b) il-kostijiet tal-ivvjaġġar u l-indennizzi tas-sussistenza relatati, dment li dawn il-kostijiet ikunu konformi mal-prattiki tas-soltu tal-benefiċjarju dwar l-ivvjaġġar;
- (c) il-kostijiet tad-deprezzament tat-tagħmir jew ta' assi oħra (għodda jew użati) kif irreġistrati fid-dikjarazzjonijiet kontabilistiċi tal-benefiċjarju, dment li l-assi:
 - (i) jiġi amortizzat f'konformità mal-istandards kontabilistiċi internazzjonali u skont il-prattiki kontabilistiċi tas-soltu tal-benefiċjarju; kif ukoll
 - (ii) jinxtara f'konformità mar-regoli dwar il-kuntratti ta' implimentazzjoni stipulati fil-ftehim tal-għotja, jekk il-bejgħ ikun sar fil-perjodu tal-implimentazzjoni;

Il-kostijiet tal-kiri jew tal-kiri fit-tul ta' tagħmir jew ta' assi oħra huma eliġibbli wkoll, dment li dawn il-kostijiet ma jeċċedux il-kostijiet tad-deprezzament tat-tagħmir jew ta' assi simili u dment li jeskludu kwalunkwe tariffa ta' finanzjament;

Biex jiġu ddeterminati l-kostijiet eliġibbli jistgħu jitqiesu biss dak il-porzjon tal-kostijiet tad-deprezzament, tal-kiri jew tal-kiri fit-tul tat-tagħmir li jikkorrispondi għall-perjodu ta' implimentazzjoni u r-rata tal-użu reali għall-finijiet tal-azzjoni. Bħala eċċezzjoni, il-kost totali tax-xiri tat-tagħmir jista' jkun eliġibbli skont il-Kundizzjonijiet Speċjali jekk dan ikun iġġustifikat min-natura tal-azzjoni u fil-kuntest tal-użu tat-tagħmir jew tal-assi;

- (d) il-kostijiet tal-oġġetti ta' konsum u ta' provvisti, dment li dawn:
 - (i) jinxtraw f'konformità mar-regoli dwar il-kuntratti ta' implementazzjoni stipulati fil-ftehim tal-għotja; kif ukoll
 - (ii) ikunu assenjati direttament għall-azzjoni;
- (e) il-kostijiet li jirriżultaw direttament mir-rekwiżiti imposti mill-Ftehim (it-tixrid ta' informazzjoni, l-evalwazzjoni speċifika tal-azzjoni, l-awditjar, it-traduzzjonijiet, ir-riproduzzjoni), inklużi l-kostijiet tal-garanziji finanzjarji mitluba, dment li s-servizzi korrispondenti jinxtraw f'konformità mar-regoli dwar il-kuntratti ta' implementazzjoni stabbiliti fil-ftehim ta' għotja;
- (f) il-kostijiet li jirriżultaw minn sottokuntratti, dment li l-kundizzjonijiet speċifiċi dwar is-sottokuntrattar kif stipulati fil-ftehim tal-għotja jiġu ssodisfati;
- (g) il-kostijiet ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, dment li l-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim tal-għotja jkun ssodisfati;
- (h) id-dazji, it-taxxi u l-imposti mħallsa mill-benefiċjarju, b'mod partikulari t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), dment li dawn ikunu inklużi fil-kostijiet diretti eliġibbli, u sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fil-ftehim ta' għotja.

11.2.2. Kostijiet indiretti eliġibbli (kostijiet ġenerali)

Il-kostijiet indiretti huma kostijiet li ma jkunux marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-azzjoni u għaldaqstant ma jistgħux jiġu attribwiti direttament għaliha.

Ammont b'rata fissa ta' 7 % tal-kostijiet diretti totali eliġibbli tal-azzjoni huwa eliġibbli bħala kostijiet indiretti, li jirrappreżenta l-kostijiet amministrattivi ġenerali tal-benefiċjarju li jistgħu jitqiesu bħala debitabbli fuq l-azzjoni/il-proġett.

Il-kostijiet indiretti jaf ma jinkludux il-kostijiet li jiddaħħlu f'intestatura oħra tal-baġit.

L-applikanti tajjeb li jinnotaw il-fatt li jekk qed jirċievu għotja operattiva ffinanzjata mill-baġit tal-UE jew tal-Euratom, dawn ma jistgħux jiddikjaraw kostijiet indiretti għall-perjodu/i kopert(i) mill-għotja operattiva, sakemm ma jkunux jistgħu juru li l-għotja operattiva ma tkopri l-ebda kost tal-azzjoni.

Sabiex dan jintwera, fil-prinċipju, jenħtieġ li l-benefiċjarju:

- a. *juża l-kontabbiltà analitika tal-kostijiet li tippermetti li jiġu sseparati l-kostijiet kollha (inkluż il-kostijiet ġenerali) li jistgħu jiġu attribwiti lill-għotja operattiva u lill-għotja għal azzjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-benefiċjarju juża kodiċijiet kontabilistiċi u koefċijenti tal-allokazzjoni affidabbli biex jiġi żgurat li l-allokazzjoni tal-kostijiet issir b'mod ġust, oġġettiv u realistiku.*
- b. *jirreġistra b'mod separat:*
 - il-kostijiet kollha mġarrba għall-għotjiet operattivi (jiġifieri l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet operazzjonali ġenerali u kostijiet operattivi oħra marbuta mal-parti tal-attivitajiet annwali tas-soltu tiegħu), u
 - il-kostijiet kollha mġarrba għall-għotjiet għall-azzjoni (inkluż il-kostijiet indiretti reali marbuta mal-azzjoni)

Jekk l-għotja operattiva tkopri l-attività annwali kollha u l-baġit tas-soltu tal-benefiċjarju, dan tal-aħħar ma jkun intitolat li jirċievi l-ebda kost indirett skont l-għotja għall-azzjoni.

11.3. Spejjeż mhux eliġibbli

L-entrati li ġejjin ma jitqisux bħala kostijiet eliġibbli:

- a) id-dħul minn kapital u d-dividendi mħallsa minn benefiċjarju;
- b) id-dejn u l-imposti tas-servizzi fuq id-dejn;
- c) il-provvedimenti għat-telf jew għad-djun;
- d) l-interessi dovuti;
- e) id-djun dubjużi;
- f) it-telf mill-kambju;
- g) il-kostijiet tat-trasferimenti mill-Kummissjoni imposti mill-bank ta' benefiċjarju;
- h) il-kostijiet iddikjarati mill-benefiċjarju skont azzjoni oħra li tirċievi għotja ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni. Dawn l-għotjiet jinkludu għotjiet mogħtija minn Stat Membru u ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni u għotjiet mogħtija minn korpi oħra li mhumiex il-Kummissjoni għall-iskop tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-benefiċjarji li jirċievu għotja operattiva ffinanzjata mill-baġit tal-UE jew tal-Euratom ma jistgħux jiddikjaraw kostijiet indiretti għall-perjodu/i kopert/i mill-għotja operattiva, sakemm ma jkunux jistgħu juru li l-għotja operattiva ma tkopri l-ebda kost tal-azzjoni.
- i) il-kontribuzzjonijiet in natura minn partijiet terzi;
- j) in-nefqa eċċessiva jew bl-addoċċ;

k) il-VAT deduċibbli.

Il-VAT¹⁴ ma tkunx eliġibbli meta l-attivitajiet li għandhom jiġu appoġġati permezz tal-ġhotja jkunu attivitajiet intaxxati/attivitajiet eżentati bid-dritt tat-tnaqqis jew attivitajiet li jkunu involuti fihom korpi regolati bil-liġi pubblika li jaġixxu bħala awtorità pubblika ta' Stat Membru (jiġifieri attivitajiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju tas-setgħat sovrani jew il-prerogattivi eżerċitati mill-Istati Membri taħt ir-reġim legali speċjali applikabbli għalihom f'konformità mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE¹⁵: pereżempju l-pulizija, il-ġustizzja, id-definizzjoni u l-infurzar tal-ordni pubbliku, eċċ.).

11.4. Baġit ibbilanċjat

Il-baġit stmat tal-azzjoni irid jinhemeż mal-formola tal-applikazzjoni. Dan irid ikollu d-dħul u n-nefqa bbilanċjati.

Il-baġit irid jitfassal f'euro.

Jenħtieġ li l-applikanti li mhux se jġarrbu l-kostijiet f'euro jużaw ir-rata tal-kambju ppubblikata fis-sit web tal-Infor-euro disponibbli fuq:

http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/inforeuro/inforeuro_en.cfm

L-applikant irid jiżgura li r-riżorsi li huma meħtieġa biex titwettaq l-azzjoni jistgħu ma jkunux ipprovdoti għalkollox fl-ġhotja finanzjarja mill-UE.

Il-kofinanzjament tal-azzjoni jista' jieħu l-forma ta':

- ir-riżorsi proprji tal-benefiċjarju,
- l-introjt u ġġenerat mill-azzjoni jew mill-programm ta' ħidma,
- kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand partijiet terzi.

11.5. Kalkolu tal-ammont finali tal-ġhotja

L-ammont finali tal-ġhotja jiġi kkalkolat mill-Kummissjoni meta jsir il-pagament tal-bilanċ. Il-kalkolu jinvolve dawn il-passi:

Pass 1 — Applikazzjoni tar-rata ta' rimborż għall-kostijiet eliġibbli u żieda tar-rata fissa

L-ammont taħt il-Pass 1 jinkiseb bl-applikazzjoni tar-rata ta' rimborż speċifikata fit-Taqsima 11.1.1 għall-kostijiet eliġibbli realment imġarrba u aċċettati mill-Kummissjoni, inklużi l-kostijiet iddikjarati fil-forma ta' rati fissi li r-rata ta' kofinanzjament tapplika għalihom f'konformità mat-Taqsima 11.1.2.

¹⁴ L-Artikolu 186 (4) (c) tar-Regolament Finanzjarju

¹⁵ ĠU L 347, 11.12.2006, p.1

Pass 2 — Limitu għall-ammont massimu tal-għotja

L-ammont totali li jitħallas lill-benefiċjarji mill-Kummissjoni ma jista' fl-ebda ċirkustanza jaqbeż l-ammont massimu tal-għotja kif indikat fil-ftehim tal-għotja. Jekk l-ammont miksub skont il-Pass 1 ikun ogħla minn dan l-ammont massimu, l-ammont finali tal-għotja jkun limitat għal dan tal-aħħar.

Jekk il-ħidma tal-voluntiera tiġi ddikjarata bħala parti mill-kostijiet eliġibbli diretti, l-ammont finali tal-għotja jkun limitat għall-ammont tal-kostijiet eliġibbli totali approvati mill-Kummissjoni li minnu jitnaqqas l-ammont tal-ħidma tal-voluntiera approvat mill-Kummissjoni.

Pass 3 — Tnaqqis minħabba r-regola li tipprojbixxi l-profitt

“Profitt” tfisser is-surplus tad-dħul fuq il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni, fejn id-dħul huwa l-ammont miksub wara l-Passi 1 u 2 flimkien mad-dħul iġġenerat mill-azzjoni għall-benefiċjarji u l-entitajiet affiljati għajr l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ.

Il-kontribuzzjonijiet in natura u finanzjarji minn partijiet terzi mhumiex meqjusa bħala dħul.

Il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni huma l-kostijiet eliġibbli totali kkonsolidati u approvati mill-Kummissjoni. Id-dħul iġġenerat mill-azzjoni huwa d-dħul ikkonsolidat stabbilit, iġġenerat jew ikkonfermat għal benefiċjarji u entitajiet affiljati għajr l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ fid-data li fiha ssir it-talba għall-pagament tal-bilanċ.

Jekk ikun hemm profitt, dan jitnaqqas b'mod proporzjonat mar-rata finali ta' rimborż tal-kostijiet eliġibbli reali tal-azzjoni approvata mill-Kummissjoni.

Pass 4 — Tnaqqis minħabba implimentazzjoni mhux xierqa jew ksur ta' obbligi oħra

Jekk l-azzjoni ma tkunx ġiet implimentata sew (jiġifieri jekk ma tkunx ġiet implimentata jew tkun ġiet implimentata b'mod ħażin, parzjalment jew tard), jew jekk ikun inkiser xi obbligu ieħor skont il-Ftehim, il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont massimu tal-għotja.

L-ammont tat-tnaqqis ikun proporzjonat skont kemm l-azzjoni tkun ġiet implimentata b'mod mhux xieraq jew skont il-gravità tal-ksur.

11.6. Arranġamenti ta' rrapportar u ta' pagament

11.6.1 Ftehimiet dwar ħlas

Il-benefiċjarju jista' jitlob il-pagamenti li ġejjin dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-ftehim tal-għotja (pereżempju l-iskadenzi tal-pagamenti, il-limiti massimi, eċċ.). It-talbiet għall-pagament għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti pprovduti hawn taħt u deskritti fil-ftehim tal-għotja:

Talba għall-pagament	Dokumenti ta' akkumpanjament
<p>Ħlas ta' prefinanzjament li jikkorrispondi għal 40 % tal-ammont massimu tal-għotja</p>	<p>garanzija finanzjarja (ara t-Taqsima 11.6.2)</p>
<p>Ħlas interim wieħed:</p> <p>Għall-iskop tad-determinazzjoni tal-ammont dovut bħala pagament interim, ir-rata ta' rimborż li għandha tiġi applikata għall-kostijiet eliġibbli approvati mill-Kummissjoni għandha tkun ta' 80 %.</p> <p>Il-pagament interim ma għandux jaqbeż l-40 % tal-ammont massimu tal-għotja.</p> <p>L-ammont totali tal-pagamenti ta' prefinanzjament u tal-pagamenti interim ma għandux jaqbeż 80 % tal-ammont massimu tal-għotja.</p>	<p>(a) rapport tekniku interim (b) dikjarazzjoni finanzjarja interim</p>
<p>Pagament tal-bilanċ</p> <p>Il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-ammont ta' dan il-pagament abbażi tal-kalkolu tal-ammont finali tal-għotja (ara t-Taqsima 11.5 ta' hawn fuq). Jekk it-total tal-pagamenti ta' qabel ikun oġhla mill-ammont finali tal-għotja, il-benefiċjarju jkun meħtieġ jirrimborża l-ammont żejjed li jkun tħallas mill-Kummissjoni permezz ta' ordni ta' rkupru.</p>	<p>(a) ir-rapport tekniku finali (b) dikjarazzjoni finanzjarja finali (c) id-dikjarazzjoni finanzjarja fil-qosor li taggrega d-dikjarazzjonijiet finanzjarji li jkunu diġà ġew ippreżentati qabel u li tindika r-riċevuti</p>

F'każ ta' kapaċità finanzjarja dgħajfa, tapplika t-Taqsima 8.1 ta' hawn fuq.

11.6.2 Garanzija ta' prefinanzjament

Tista' tintalab garanzija ta' prefinanzjament sal-istess ammont bħall-prefinanzjament sabiex jiġu limitati r-riskji finanzjarji marbuta mal-pagament ta' prefinanzjament.

Il-garanzija finanzjarja, fil-munita euro, għandha tingħata minn bank jew istituzzjoni finanzjarja approvata stabbilita f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE. Meta l-benefiċjarju jkun stabbilit f'pajjiż terz, il-Kummissjoni tista' taqbel li bank jew istituzzjoni finanzjarja stabbilit(a) f'dak il-pajjiż terz jistgħu jipprovdu l-garanzija jekk hija tqis li l-bank jew l-istituzzjoni finanzjarja joffri/toffri sigurtà u karatteristiċi ekwivalenti għal dawk offriti minn bank jew istituzzjoni finanzjarja stabbilit(a) fi Stat Membru. Ammonti li jkunu marbutin f'kontijiet il-bank ma għandhomx jiġu aċċettati bħala garanziji finanzjarji.

Il-garanzija tista' tiġi sostitwita bi:

- garanzija in solidum minn parti terza jew,
- garanzija konġunta tal-benefiċjarji ta' azzjoni li jkunu partijiet għall-istess ftehim ta' għotja.

Il-garanzija għandha tiġi rilaxxata hekk kif il-prefinanzjament jiġi approvat gradwalment kontra pagamenti interim jew il-pagament tal-bilancè, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' għotja.

Bħala alternattiva għat-talba ta' garanzija fuq il-prefinanzjament, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li taqsam il-pagament tal-prefinanzjament f'diversi pagamenti parzjali.

11.7. Kundizzjonijiet finanzjarji oħra

a) Għotja mhux kumulattiva

Azzjoni tista' tirċievi biss għotja waħda mill-baġit tal-UE.

b) Nonretroattività

L-ebda għotja ma tingħata retrospettivament għal azzjonijiet diġà kompluti.

Għotja tista' tingħata għal azzjoni li tkun diġà nbdiet biss meta l-applikant ikun jista' juri fl-applikazzjoni għall-għotja li jeħtieġu jibda l-azzjoni qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim tal-għotja.

F'dawn il-każijiet, il-kostijiet eliġibbli għal finanzjament jaf ma jkunux iġġarrbu qabel id-data ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għotja.

c) Kuntratti/sottokuntrattar ta' implimentazzjoni

Jekk l-implimentazzjoni tal-azzjoni tkun teħtieġ l-għoti ta' kuntratti ta' akkwist (kuntratti ta' implimentazzjoni), il-benefiċjarju jista' jagħti l-kuntratt f'konformità mal-prattiki tax-xiri tas-soltu tiegħu sakemm il-kuntratt jingħata lill-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża jew lill-offerta li toffri l-orħos prezz (kif xieraq), u jiġu evitati kunflitti ta' interess.

Il-benefiċjarju huwa mistenni li jiddokumenta b'mod ċar il-proċedura tal-offerti u li jżomm id-dokumentazzjoni f'każ li jkun hemm bżonn ta' awditjar.

L-entitajiet li jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet kontraenti skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/24/UE¹⁶ jew entitajiet kontraenti skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/25/UE¹⁷ jridu jikkonformaw mar-regoli nazzjonali applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

Il-benefiċjarji jistgħu jissottokuntrattaw il-kompiti li jiffurmaw parti mill-azzjoni. Jekk jagħmlu dan, huma jridu jiżguraw li, minbarra l-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq dwar l-aqwa valur għall-flus u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess, ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- a) is-sottokuntrattar ma jkoprix kompiti ewlenin tal-azzjoni;
- b) ir-rikors għas-sottokuntrattar ikun iġġustifikat minħabba n-natura tal-azzjoni u dak li jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħha;
- c) il-kostijiet stmati tas-sottokuntrattar ikunu identifikabbli b'mod ċar fl-istima tal-baġit;
- d) kwalunkwe rikors għas-sottokuntrattar, jekk ma jkunx previst fid-deskrizzjoni tal-azzjoni, jiġi kkomunikat mill-benefiċjarju u approvat mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tagħti l-approvazzjoni:
 - (i) qabel kwalunkwe rikors għal sottokuntrattar, jekk il-benefiċjarji jitolbu emenda
 - (ii) wara rikors għal sottokuntrattar jekk is-sottokuntrattar:
 - ikun iġġustifikat speċifikament fir-rapport tekniku interim jew finali u
 - ma jkunx jinvolvi tibdil fil-ftehim dwar l-għotja finanzjarja li jixħet dubju fuq id-deċiżjoni inkwistjoni tal-għoti tal-għotja finanzjarja jew li jmur kontra t-trattament ugwali tal-applikanti;
- e) il-benefiċjarji jiżguraw li ċerti kundizzjonijiet applikabbli għall-benefiċjarji, elenkati fil-ftehim tal-għotja (pereżempju l-viżibbiltà, il-kunfidenzjalità, eċċ.), ikunu applikabbli wkoll għas-sottokuntratturi.

d) Appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi

L-applikazzjonijiet ma jistgħux jipprevedu l-għoti ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi.

12. IL-PUBBLIĊITÀ

12.1. Mill-benefiċjarji

Il-benefiċjarji jridu jirrikonoxxu b'mod ċar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-pubblikazzjonijiet kollha jew fl-ambitu tal-attivitajiet li għalihom tintuża l-għotja.

F'dan ir-rigward, il-benefiċjarji huma meħtieġa jagħtu prominenza lill-isem u lill-emblema tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-pubblikazzjonijiet, il-posters, il-programmi u prodotti oħra tagħhom kif ukoll matul attivitajiet relatati (konferenzi jew seminars, u aktar.) imwettqa taħt il-proġett kofinanzjat.

¹⁶ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65-242)

¹⁷ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243-374)

Biex jagħmlu dan, huma jridu jużaw:

- it-test: “B’ appoġġ finanzjarju mill-Unjoni Ewropea”
- l-emblema li hija disponibbli fuq https://europa.eu/european-union/about-eu/symbols/flag_en
- id-dikjarazzjonijiet ta’ każda ta’ responsabbiltà li ġejjin:

Għall-pubblikazzjonijiet stampati jew f’format elettroniku:

“Dan il-pubblikazzjoni ġiet prodotta bl-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni Ewropea. Il-kontenut tiegħu huwa r-responsabbiltà unika ta’ <isem tal-awtur/sieheb> u mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni tal-Unjoni Ewropea”

Għas-siti web u l-kontijiet tal-midja soċjali:

“Dan <is-sit web/il-kont> inħoloq u huwa miżmum bl-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni Ewropea. Il-kontenut tiegħu huwa r-responsabbiltà unika ta’ <isem tal-awtur/sieheb> u mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni tal-Unjoni Ewropea”

Għall-vidjows u materjal awdjoviżiv ieħor:

“Dan il-<vidjow/film/programm/registrazzjoni> ġie prodott bl-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni Ewropea. Il-kontenut tiegħu huwa r-responsabbiltà unika ta’ <isem tal-awtur/sieheb> u mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni tal-Unjoni Ewropea”

Jekk dan ir-rekwiżit ma jiġix issodisfat għalkollox, l-għotja finanzjarja tal-benefiċjarju tista’ titnaqqas skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar l-għotja finanzjarja.

Minbarra l-obbligi ta’ hawn fuq, il-benefiċjarji huma mistiedna biex (b’mod fakultattiv) jaġġornaw [mappa fuq is-sit web ta’ Inforegio](#) (billi [jissottomettu entrata](#) b’eżempji tal-azzjonijiet tagħhom).

12.2. Mill-Kummissjoni

Bl-eċċezzjoni ta’ boroż ta’ studju mħallsa lil persuni fiżiċi u appoġġ dirett ieħor imħallas lill-persuni fiżiċi l-aktar fil-bżonn, l-informazzjoni kollha marbuta mal-għotjiet mogħtija matul sena finanzjarja għandha tiġi ppubblikata fuq sit tal-internet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhux aktar tard mit-30 ta’ Ġunju tas-sena ta’ wara s-sena finanzjarja li fiha jkunu ngħataw l-għotjiet.

Il-Kummissjoni se tippubblika l-informazzjoni li ġejja:

- l-isem tal-benefiċjarju;
- l-indirizz tal-benefiċjarju meta dan tal-aħħar ikun persuna ġuridika, ir-reġjun meta l-benefiċjarju jkun persuna fiżika, kif iddefinit fil-livell NUTS 2¹⁸ jekk ikun domiċiljat fl-UE jew l-ekwivalenti jekk ikun domiċiljat barra mill-UE;
- is-suġġett tal-għotja;
- l-ammont mogħti.

Fuq talba motivata u sostanzjata kif xieraq mill-benefiċjarju, il-pubblikazzjoni ma għandhiex issir jekk dan l-iżvelar iqiegħed f’riskju d-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 105/2007 tal-1 ta’ Frar 2007 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ klassifikazzjoni komuni ta’ unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), ĠU L39, 10.2.2007, p.1.

kkonċernati, kif inhum protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jew inkella jikkawża ħsara lill-interessi kummerċjali tal-benefiċjarji.

13. L-IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

It-tweġiba għal kwalunkwe sejħa għall-proposti tinvolvi r-reġistrazzjoni u l-ipproċessar ta' *data* personali (bħall-isem, l-indirizz u s-CV). Din id-*data* tiġi pproċessata skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni 1247/2002/KE.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, il-mistoqsijiet u kwalunkwe *data* personali mitluba li jkun hemm bżonn għall-evalwazzjoni tal-applikazzjoni f'konformità mas-sejħa għall-proposti jiġu pproċessati biss għal dan l-għan mid-DĠ REGIO – Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja.

Id-*data* personali tista' tiġi rreġistrata fis-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni mill-Kummissjoni, f'każ li l-benefiċjarju jkun f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 136 u 141 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046¹⁹. Għal aktar informazzjoni ara l-Istqarrija ta' Privatezza fuq:

https://ec.europa.eu/info/data-protection-public-procurement-procedures_en.

14. PROĊEDURA GĦALL-PREŻENTAZZJONI TAL-PROPOSTI

Il-proposti jridu jiġu ppreżentati sal-iskadenza stabbilita fit-Taqsima 3.

Ma hi permessa l-ebda modifika fl-applikazzjoni ladarba tgħaddi l-iskadenza għall-preżentazzjoni. Madankollu, jekk ikun hemm bżonn li jiġu ċċarati ċerti aspetti jew li jiġu kkorreġuti xi żbalji klerikali, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja lill-applikant matul il-proċess ta' evalwazzjoni.

L-applikanti jiġu infurmati bil-miktub bir-riżultati tal-proċess tal-għażla.

L-applikanti huma mitluba jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom permezz ta' email fl-indirizz elettroniku li ġej:

REGIO-CALL-FOR-MEDIA@ec.europa.eu.

Id-dokumenti kollha jridu jiġu pprovvuti f' **format pdf (mhux f'format pdf.p7m, l-ebda link għal Drive jew WeTransfer jew xi pjattaforma oħra)**. Il-baġit stmat irid jiġi pprovvut ukoll f' **format Excel**.

Jekk jogħġbok innota li se tirċievi tweġiba awtomatika li tikkonferma n-notifika tal-wasla li se tkun segwita minn notifika ta' riċevuta uffiċjali wara li jinfetħu l-proposti.

Jekk jogħġbok innota wkoll li d-daqs massimu ta' email aċċettat f'dan l-indirizz tal-posta elettronika huwa ta' **25 MB**. Jekk email waħda ma tkunx biżżejjed biex jintbagħtu d-dokumenti kollha meħtieġa, l-applikanti jistgħu jibagħtu aktar minn email waħda li mbagħad għandha tiġi nnumerata.

Jekk jogħġbok innota li fil-każ li tkun bgħatt diversi emails, tirċievi biss notifika ta' riċevuta awtomatika waħda.

¹⁹ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32018R1046>

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta jew bil-faks ma jiġux aċċettati.

➤ **Kuntatti**

Kwalunkwe mistoqsija relatata ma' din is-sejħa tista' tiġi indirizzata lil REGIO-CONTRACTS@ec.europa.eu. Sabiex jiġi żgurat it-trattament effiċjenti ta' kwalunkwe mistoqsija, inti ġentilment mitlub tindika b'mod ċar ir-referenza ta' din is-sejħa għall-proposti fis-suġġett jew fit-test tal-email.

It-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jiġu sottomessi jiġu ppubblikati fil-lista tal-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet fuq https://ec.europa.eu/regional_policy/en/newsroom/funding-opportunities/calls-for-proposal/ biex jiġi żgurat it-trattament indaqs tal-applikanti potenzjali kollha. Il-mistoqsijiet jistgħu jintbagħtu mill-applikanti fl-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard minn 10 ijiem qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposti.

➤ **Annessi:**

- Formola ta' applikazzjoni
- Lista ta' kontroll tad-dokumenti li jridu jiġu pprovduti
- Mudell tal-ftehim ta' għotja

Appendiċi

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-kostijiet diretti tal-persunal

1. Il-kalkolu

Il-modi kif jiġu kkalkolati l-kostijiet diretti eliġibbli tal-persunal stipulati fil-punti (a) u (b) hawn taħt huma rakkomandati u aċċettati bħala li joffru aċċertament għall-kostijiet iddikjarati li jkunu reali.

Il-Kummissjoni tista' taċċetta metodu differenti għall-kalkolu tal-kostijiet tal-persunal użat mill-benefiċjarju, jekk hija tqis li dan joffri livell xieraq ta' aċċertament tal-kostijiet iddikjarati li jkunu reali.

a) għall-persuni li jaħdmu esklużivament fuq l-azzjoni:

{ir-rata ta' kull xahar għall-persuna

immultiplikata

bl-għadd ta' xhur reali maħduma fuq l-azzjoni}

Ix-xhur iddikjarati għal dawn il-persuni ma jistgħu jiġu ddikjarati għall-ebda għotja oħra tal-UE jew tal-Euratom.

Ir-rata ta' kull xahar hija kkalkulata kif ġej:

{il-kostijiet annwali tal-persunal għall-persuna

diviżi bi 12}

billi jintużaw il-kostijiet tal-persunal għal kull sena finanzjarja sħiħa koperta mill-perjodu ta' rappurtar ikkonċernat.

Jekk sena finanzjarja ma tingħalaqx fit-tmiem tal-perjodu ta' rappurtar, il-benefiċjarji jridu jużaw ir-rata ta' kull xahar tal-aħħar sena finanzjarja magħluqa disponibbli;

b) għall-persuni li jaħdmu part time fuq l-azzjoni

(i) Jekk il-persuna tkun assenjata għall-azzjoni bi pro rata fissa tal-ħin tax-xogħol tagħha:

{ir-rata ta' kull xahar tal-persuna mmultiplikata bil-pro rata assenjata għall-azzjoni

immultiplikata

bl-għadd ta' xhur reali maħduma fuq l-azzjoni}

Il-ħin tax-xogħol pro rata ddikjarat għal dawn il-persuni ma jista' jiġi ddikjarat għall-ebda għotja oħra tal-UE jew tal-Euratom.

Ir-rata ta' kull xahar hija kkalkulata bħal hawn fuq.

(ii) Fil-każijiet l-oħrajn:

{ir-rata ta' kull siegħa għall-persuna mmultiplikata bl-għadd ta' sigħat reali maħduma fuq l-azzjoni}

jew

{ir-rata ta' kuljum għall-persuna mmultiplikata bl-għadd ta' jiem reali maħduma fuq l-azzjoni}

(aġġustati 'l fuq jew 'l isfel għall-eqreb nofstanhar)

L-għadd ta' sigħat/jiem reali ddikjarat għal persuna għandu jkun identifikabbli u verifikabbli.

L-għadd totali ta' sigħat/jiem iddikjarati f'għotjiet tal-UE jew tal-Euratom, għal persuna għal sena, ma jistax ikun oġhla mis-sigħat/jiem produttivi annwali użati għall-kalkoli tar-rata fis-siegħa/ta' kuljum. Għaldaqstant, l-għadd massimu ta' sigħat/jiem li jistgħu jiġu ddikjarati għall-għotja huwa:

{l-għadd ta' sigħat/jiem produttivi annwali għas-sena (ara hawn isfel)}

li minnhom jitnaqqsu

l-għadd totali ta' sigħat u jiem iddikjarat mill-benefiċjarju, għal dik il-persuna għal dik is-sena, għal għotjiet oħrajn tal-UE jew tal-Euratom.}

Ir-**“rata ta' kull siegħa/ta' kuljum”** hija kkalkulata kif ġej:

{il-kostijiet annwali tal-persunal għall-persuna

diviża

bl-għadd ta' sigħat/jiem produttivi annwali individwali} bl-użu tal-kostijiet tal-persunal u l-għadd ta' sigħat/jiem produttivi annwali għal kull sena finanzjarja sħiħa koperta mill-perjodu tar-rapportar ikkonċernat.

Jekk sena finanzjarja ma tingħalaqx fit-tmien tal-perjodu ta' rappurtar, il-benefiċjarji jridu jużaw ir-rata fis-siegħa/ta' kuljum tal-aħħar sena finanzjarja magħluqa disponibbli.

L-“għadd ta' sigħat/jiem produttivi annwali individwali” huwa l-għadd totali ta' sigħat/jiem reali maħduma mill-persuna fis-sena. Dan ma jistax jinkludi btajjel u assenzi oħra (bħal-liv minħabba mard, il-liv tal-maternità, il-liv speċjali, eċċ.). Madankollu, jista' jinkludi s-sahra u l-ħin li wieħed iqatta' f'laqgħat, f'taħriġ u f'attivitajiet simili oħra.

2. Dokumentazzjoni li tappoġġa l-kostijiet tal-persunal iddikjarati bħala kostijiet reali

Għall-**persuni li jaħdmu esklużivament fuq l-azzjoni**, meta l-kostijiet diretti tal-persunal jiġu kkalkolati skont il-**punt (a)**, ma hemm l-ebda bżonn li jinżammu skedi bil-ħinijiet tax-xogħol, jekk il-benefiċjarju jiffirma **dikjarazzjoni** li tikkonferma li l-persuni kkonċernati ħadmu esklużivament fuq l-azzjoni.

Għall-**persuni assenjati għall-azzjoni fuq pro rata fissa tal-ħin tax-xogħol tagħhom**, meta l-kostijiet diretti tal-persunal jiġu kkalkolati skont il-**punt (b)(i)**, ma hemm l-ebda bżonn li jinżammu skedi bil-ħinijiet tax-xogħol, jekk il-benefiċjarju jiffirma dikjarazzjoni li l-persuni kkonċernati jkunu ħadmu effettivament bil-pro rata fissa fuq l-azzjoni.

Għall-**persuni li jaħdmu part time fuq l-azzjoni**, meta l-kostijiet diretti tal-persunal jiġu kkalkolati skont il-**punt b(ii)**, il-benefiċjarji għandhom iżommu **skedi bil-ħinijiet** tax-xogħol għall-għadd ta' sigħat/jiem iddikjarati. Ir-reġistru tal-ħinijiet irid ikun bil-miktub u approvat mill-persuni li jaħdmu fuq l-azzjoni u s-superviżuri tagħhom, mill-anqas darba fix-xahar.

Fin-nuqqas ta' skedi bil-ħinijiet tax-xogħol affidabbli tas-sigħat maħduma fuq l-azzjoni, il-Kummissjoni tista' taċċetta prova alternattiva li tappoġġa l-għadd ta' sigħat/jiem iddikjarati, jekk tqis li din toffri livell adegwat ta' assigurazzjoni.